MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 248/2007

Kawza fil-lista: 3

**A B f' isimha proprju, u bhala kuratrici 'ad litem' ta' binha minuri C B**
**Vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, D B u E F**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-attrici u l-konvenut D B zzewgu f'Malta fis-sbaghtax (17) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija u wiehed u disghin (1991) u prezentement huma jinsabu legalment separati minn xulxin u dan permezz ta' kuntratt ta' firda

konsenswali datat tnax (12) ta' Frar, tas-sena elfejn u seba' (2007) fl-atti tan-Nutar Dottoressa Liza Camilleri;

2. Illi matul iz-zwieg taghhom twieled il-minuri C B fis-seba' (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006);

3. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri hemm iddikjarat illi l-missier tat-tarbija kien il-konvenut D B, fil-fatt il-minuri C B gie koncepit fil-kors ta' relazzjoni extramatrimonjali li l-istess attrici kellha mal-konvenut l-iehor E F;

4. Illi l-attrici ghandha interess illi tigi dikjarata l-paternita' reali tal-minuri C B;

5. Illi l-paternita' tal-minuri C B tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici;

Raguni tat-talba

1. Illi l-attrici u l-konvenut D B zzewgu f'Malta fis-sbaghtax (17) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija u wiehed u disghin (1991) hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li jinsab hawn anness u mmarkat bhala "Dok: DS.1" u prezentement huma jinsabu legalment separati minn xulxin u dan permezz ta' kuntratt ta' firda konsenswali datat tnax (12) ta' Frar, tas-sena elfejn u seba' (2007) fl-atti tan-Nutar Dottoress Liza Camilleri li qieghed hawn ukoll anness u mmarkat bhala "Dok: DS.2";

2. Illi matul iz-zwieg taghhom twieled il-minuri C B fis-seba' (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u dan hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru tlieta-seba'-tnejn-hamsa (3725) tas-sena elfejn u sitta (2006) li jinsab hawn anness u mmarkat bhala "Dok: DS.3";

3. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid suriferit hemm iddikjarat illi l-missier tat-tarbija kien il-konvenut D B, fil-fatt il-minuri C B gie koncepit fil-kors ta' relazzjoni extramatrimonjali li attrici kellha mal-konvenut l-iehor E F;

4. Illi l-attrici ghandha interess illi tigi dikjarata l-paternita' reali tal-minuri C B;

5. Illi l-paternita' tal-minuri C B tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici appoziti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut E F huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C B u mhux il-konvenut l-iehor Matin B;
2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri C B [Att Numru tlieta-seba'-tnejn-hamsa (3725) tas-sena elfejn u sitta (2006)] billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier C B tikkancella l-isem "D B" u tissostitwih bl-isem "E F" u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta, ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier C B, jigu koretti konsegwentement billi jigu sistitwiti b'dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti minn issa stess in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrispondiet:-
1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti tippruva l-impossibilita fisika bejn il-konjugi u cioe bejn l-intimat D B u bejnha.
3. Inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, ir-rikorrenti ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe ta' l-intimat E F sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.
4. Illi minghajr pregudizzju wkoll jekk it-talbiet attrici jinlaqghu l-kliem *"the said"* iridu jigu kancellati minn that id-dettalji ta' l-omm u inoltre jehtieg li jigi korrett ukoll il-kunjom tat-tarbija fuq l-Att relattiv.
5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li

ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.
7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat li l-konvenuti l-ohra, debitament notifikati, ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat ir-rapport ta' l-espert xjentifiku Dottor Renald Blundell minnu debitament mahluf;

Rat l-Avviz mahrug mill-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici, f' isimha proprju u ghan-nom ta' binha minuri C li twieled fis-7 ta' Novembru 2006, qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-konvenut E F, u mhux il-konvenut l-iehor D B, huwa l-missier naturali u bijologiku ta' l-imsemmi minuri.

Mill-provi jirrizulta pacifiku fis-7 ta' November 2006 l-attrici weldet lit-tifel C li gie registrat bil-kunjom B, stante li hija mizzewwga lill-konvenut D B.

Illi l-konjugi B, it-tnejn ikkonfermaw li mis-sena 2000 'il quddiem huma ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom, u kienu jghixu fi kmamar separati, ghalkemm fl-istess dar. Fis-sena 2004 l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut l-iehor E F u, wara li dawn kienu ppjanaw li jkollhom tarbija, l-attrici harget tqila fi Frar 2006, u f' Novembru twieled it-tifel Emanuel minn din ir-relazzjoni.

L-attrici kkonfermat li fiz-zmien li hi nqabdet tqila bit-tarbija hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma hadd, hlief mal-konvenut E F. Illi kemm l-attrici kif ukoll dawn iz-zewg konvenuti accettaw li t-tifel C huwa l-wild naturali ta' E F.

Illi r-rapport xjentifiku tat-testijiet tad-DNA li saru fuq samples mehuda minn fuq il-partijiet, jikkorroboraw din it-tesi.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-konvenut E F huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C B, u mhux il-konvenut l-iehor D B; u konsegwenzjalment tordna d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid [numru 3725/2006] ta’ l-imsemmi minuri billi jigu kancellati l-isem u l-konnotati tal-konvenut D B u jigu sostitwit bl-isem tal-konvenut E F u l-konnotati tieghu. Tordna wkoll li l-kliem *“the said”* jigu kancellati mill-imsemmi Att tat-Twelid.

L-ispejjez jigu sopporati mill-attrici proprio u mill-konvenut E F fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------